MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Numru. 478/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Francis Cassar ta' 44 sena bin Joseph u Maria Carmela nee` Mallia imwieled Senglea fil-21 a' Ottubru, 1965 u joqghod 59, Triq La Sengle, Marsascala detentur tal-karta tal-identita 515465(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli bejn Frar 2010 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal

tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Carmelo Farrugia detentur tal-karta ta’ l-identita numru 371967(M), ai terminu ta’ l-artikolu 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi b’wiehed mill-mezzi msemmijini fl-artikolu 179, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura private li setghet ghamlet hsara lil xi persuna u cioe` lil Carmelo Farrugia detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 371967(M), ai termini ta’ l-artikolu 187 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat, ai termin ta’ l-artikolu 189 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-27 ta’ Marzu, 2012;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet in-nuqqas ta’ oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikosidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u l-fatt illi l-imputat lahaq ftehim mal-parte leza in konnessjoni ma din il-pendenza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 306, 309, 310(1)(a), 107, 189 u 17h tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------